**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Jannar 2016.**

Citazzjoni Nru. 98 / 05RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preamboli.**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li ppremetta u talab is-segwenti:

Peress illi l-konjugi B izzewgu fis-17 ta' Gunju, 1995.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D li ghandha tmien (8) snin u E li ghandu sitt (6) snin.

Peress illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ingurji, minacci u theddid.

Peress illi skont digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Frar, 2005 u wara li sehhet il-medjazzjoni, l-attur gie awtorizzat jiftah il-proceduri ta' separazzjoni.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ingurji, minacci u theddid.

(ii) Tafdalu l-kura u kustodja konguntiva tal-minuri D u E, b'dan li m' ghandux ikun hemm presenti terzi persuni tas-sess oppost partikolament F G, u dan sakemm ikunu m' ommhom.

(iii) Tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48-50 tal-Kodici Civili.

(iv) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, in vista, inter alia tad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, billi okkorrendo ghal finijiet ta' dina t-talba, jigi nominat perit biex biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni u nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(v) Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attur tigi maghrufa l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez, u l-konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepit kif gej:

1. Illi huwa minnu li il-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment, izda dan kien minhabba tortijiet imputabbli lill-attur konsistenti f'adulterju, ingurji gravi, mohqrija, theddid jew offizi gravi versu l-attrici. (recte: l-konvenuta)

2. Illi l-konvenuta toggezzjona ghat-tieni talba stante li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-omm.

3. Illi it-tielet talba ghandha tigi rigettata u dan peress illi l-attur hu l-hati tal-firda u ghalhekk ghandhom jigu applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikoli relattivi tal-Kodici Civili fosthom id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48-50 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi dwar ir-raba' talba, l-konvenuta taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u maqsumha f'zewg porzjonijiet mhux

necessarjament ugwali.

5. Illi dwar il-hames talba hija taqbel illi l-partijiet ghandhom jirristitwixxu l-beni dotali rispettivi taghhom.

L-ispejjez ghandhu jbatihom l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attur li gie anness ma nota pprezentata fil-15 ta' Gunju 2005;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2005 fejn inter alia gie nominat bhala perit legali l-avukat Dottor Richard Sladden;

Rat ir-rikorsi, u r-risposti tal-partijiet dwar l-access ghat-tfal minuri u dwar minn minhom ghandu jokkupa id-dar matrimonjali, u dwar is-safar tal-minuri, u d-digrieti relattivi;

Rat id-digriet tal-25 ta' Lulju 2006 fejn il-Qorti nnominat lil Josette Camilleri bhala Social Worker biex tirrelata dwar il-minuri;

Rat ir-rapport tal-imsemija Social Worker ipprezentat fit-3 ta' Novembru 2006;

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 2007, fejn gie revokat id-digriet provizorju tal-21 ta' Lulju 2006 u gew addottati in toto r-rakkomandazzjonijiet kontenuti fil-paragrafu 7 tar-rapport tas-Social Worker;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fl-10 ta' Dicembru 2007, li biha ddikjarat li l-attur ma ghadhux jirrisjedi fid-dar 5 Maison D'Amour, Attard izda qed jghix fil-fond 105, Guze' Pace Street, Hamrun.

Rat ir-rapport tas-Social Workers, Melanie Darmanin, u Joanne Buhagiar Fiott, ipprezentat fid-19 ta' Novembru 2007;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2011, fejn id-difensuri qablu li t-tifel Yan, li weldet il-konvenuta f'dawn l-ahhar xaharejn mhux il-wild naturali tal-attur;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dottor Richard Sladden, ipprezentat fl-10 ta' Awwissu 2012;

Rat l-affidavit tal-konvenuta, mahluf fl-10 ta' Ottubru 2008, Fol. 550 et seq.;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, Fol.701 et seq;

Rat n-nota ta' osservazzjonijiet reponsiva tal-konvenuta pprezentata fil-5 ta' Gunju

2014, Fol. 709 et seq.;

Rat ir-replika tal-attur ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2014, Fil 722 et seq.;

Rat il-kontro replica tal-konvenuta, pprezentata fit-28 ta' Ottubru 2014 Fol 731 et seq.u d-digriet tat-23 ta'April 2015, Fol 747, fejn giet michuda t-talba ghall-isfilz;

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat

**IL-PROVI.**

Fl-affidavit tieghu, Fol. 30 et seq., l-attur kkonferma li zzewweg lill-konvenuta fis-17 ta' Gunju 1995 u kellhom zewgt itfal, D u Kiesten, li ma kellhomx problemi, hlief ghal xi litigji zghar u normali bejn koppja mizzewga, sakemm f'gurnata partikolari, is-7 ta' Awwissu 2004, qaltlu li ma setghetx tkompli mieghu ghalhiex kellha relazzjoni ma' F G, u li ilha sentejn u nofs f'din ir-relazzjoni. L-attur kien jafu billi gieli kellhom xi xoghol flimkien. Anke missierha kien hadha bi kbira. Ippruvaw jirrangaw izda wara xahar, billi hi baqghet f'kuntatt mieghu, bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Billi marret tghix mieghu kellhom arrangjament li it-tfal jkunu gurnata mieghu u gurnata ma' ommhom. Meta jkunu gurnata mieghu, hi kienet tmur torqghod ghand il-habib, u tigi lura id-dar kmieni filghodu biex tlesti t-tfal ghall-iskola. Dan F G kellu tfajla, H, li minnha kellu tarbija, u li minhabba dawn ic-cirkostanzi partikolari l-attur sar jafha. Semma' xi incidenti li kellu ma l-istess F G, li kien jaghjru u jgheddu. Darba, meta kien sejjer ghax-xoghol, sakkru bil-karozza tieghu Hyundai, niezel ghalih, u beda jigbdu mill-karozza, fuq dan l-incident ghamel rapport l-Ghassa, u ttiehdu proceduri kriminali. F'okkazzjoni ohra mar wara darhu u beda jghajjru "barri". Darba ohra waqqaf hdejn ic-cimiterju ta' H' Attard biex jirrispondi il-mobile, kien ghaddej dan G li kien akkompanjat mill-konvenuta, beda jghajjru, u dwar dan l-attur ghamel rapport.

L-attur ikkonferma li b'digriet tat-30 ta' Jannar 2005, il-mara nghatat il-kura u l-kustodja tal-minuri, u ddikjara li m'ghandux oggezzjoni purche' li t-tfal ma jkunhux fil-kumpanija ta F G li kien qed jipprettendi li hu missierhom. L-attur oggezzjona li t-tfal jmrru jghixu ma F G billi dan kien ta' influenza hazina fuq it-tfal.

L-attur ddikjara li hu jahdem bhala electricF mal –Gvern u ghandu paga ta' LM325 fix-xahar, pero' ma ghandu l-ebda income iehor billi l-anqas jista' jaccetta xoghol part time biex ma jippregiudikax il-hinijiet tal-access li ghandu ghat-tfal. Skont id-digriet fuq imsemmi gie ordnat ihallas LM125 fix-xahar manteniment, li hu jarah daqsxejn eccessiv billi it-tfal ikunu mieghu ghal nofs ix-xahar. Hu ddikjara li m'ghandhux jigi obbligat ihallas manteniment ghall-martu billi din qieghda ma' haddiehor u insista li ghandu jkun infurmat fuq l-attivitajiet skolastici, edukattivi u

extra-kurrikolari tat-tfal.

Hi kkonferma li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti;

Immobli; Id-dar matrimonjali Maison D'Amour, Triq il-Laring, Attard.

Mobbli: Ghamara fid-dar li gew elenkati fid-Dok P, l-oggetti li huma highlighted hadithom il-mara ghand il-habib F G.

Dehebijiet li xtrohom hu ghal mara li hadithom hi li ghandhom il-valur ta' circa LM600.

Hemm xi deheb iehor tat-tfal li jinsab ghandu.

Vetturi: Peugeot 306 numru HAO 064 li tinsab ghandu, u Mazda 326 Numru LAF 773 li qeghedha fil-garage billi ma ghadditx il-VRT Test.

Qasmu bejniethom xi kontijiet li kellhom mal-HSBC, u baqa' kont fixed li fih LM1500. Hemm tlett kontijiet ohra li ghalkemm huma f'isem il-mara huma tat-tfal. Hemm kont f'isem il-mara li l-attur kkonferma li fih LM3,000 li huma propjeta' ta' missierha.

Ghandhom dejn ta' LM748 , ammont dovut lill-BG Hardware Store, prezz ta' zebgha, u hemm xi kontijiet tad-Dawl u l-Ilma, telephone u cable TV li ghadhom pendenti.

Hu ppropona li d-dar tinbiegh u ir-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom, il-mara ghandha tirritorna l-oggetti li hadet, biex id-dar tinbiegh bl-ghamara, li hu jzomm il-Peugeot u hi tiehu il-Mazda, il-kont tal-Bank fejn ghandhom LM1500 jinqasam bejniethom, il-kontijiet tat-tfal ikunu f'isimhom it-tnejn pero' il-flus ikunu tat-tfal, ic-children's allowance tidhol f'kont komuni li jkun ghan-nom tat-tfal, il-flus ta' missierha jigu ritornati lilu u d-djun li hemm jinqasmu bejniethom.

Il-konvenuta pprezentat affidavit mahluf fl-10 ta' Ottubru 2008, Fol. 550 et seq. Hi ddikjarat li iz-zwieg tkisser minnhabba l-karattru iebes tal-attur u l-mod kif kien jittrattha. Kien egoist u dejjem jrid li tghaddi tieghu, hi tghid "Kien jsir biss dak li jrid hu, li jaqbel lilu u kollox skont il-kumdita' tieghu." Kien iggerger ghax taghti aktar imporatnza lit-tfal, kien jara t-television, il-hin kollu li jkun id-dar, jirrifjuta li jbaxxilu anke bit-tfal reqdin, li filghodu kellhom jqumu ghall-iskola. Hi tghid li ma kienx ihalliha tara l-programmi li trid hi, kien dejjem jara il-football, u jekk tipprotestalu jibda jghajjat u jidghi. Kien aggressiv maghha, jibbikiha u tmur wahedha, fis-sodda u hu jibqa fis-salott jara li jrid hu. Hi ddikjarat ukoll li kien jara films pornografici, u wara kien jinsisti li jkollu relazzjonijiet intimi maghha, anke jekk hi ma kinitx tkun disposta, fl-liema kas kien jkun vjolenti maghha biex taghaddi tieghu. Kien jaqla hafna glied maghha meta ma kinitx iddahhal il-karozza fil-garage, u bil-glied u l-ghajjat kien jgaghalha tmur iddahhalha. Kien juri immaturita' anke fil-loghob bhal Monopoly, qatt ma jaccetta, li jitlef hu u tirbah hi.

Ma kienux jaqblu fil-karattru, kien egoist anke f'affarjiet zaghar, u kien jaqla' argument u glied fuq kollox. Kien jiddejaq li tiehu t-tfal ghand ommha, ma kienx jhobb johrog, kollox kien ta' bilfors, anke li jmorru il-bahar fis-sajf. Hi tghid "ma kienx jiehu pjacir iqatta' il-hin mieghi". Ma kienx hemm quality time bejniethom, billi hu kien jew jara il-football fuq it-television jew jnaddaf il-guva tal-ghasafar,ma setghatx tipprova tiddjaloga mieghu. Kien goff u aggressiv maghha anke quddiem in-nies. Ommu stess kienet tghidilha biex tiehu pacenzja bih u biex ma tghidx lill-genituri taghha, kif kien qed jittrattha. Darba kien sawwatha meta kienet tqila bit-tifla ghax riedithu jwassalha ghand ommha izda hu ma riedx. Il-genituri taghha jafu li l-attur kien goff, aggressiv u egoist maghha. Darba f'zmien il-Milied nqalghet glieda kbira, billi wara li kienet ippreparat l-ikel wahedha, kienu mistidnin l-genituri taghha u tieghu, qaltlu biex igibilha mejda biex jizieduha ma li kellhom, beda jghajjat u jidghi, quddiem kulhadd. Kien incident imbarazzanti fejn giet umiljata minnu quddiem il-genituri li nqwetaw ruhhom fuq dak li gara. La kien jghinha fid-dar u l-anqas mat-tfal, kienet taghmel kollox hi wahedha.

Il-konvenuta qalet li ma kellhomx hbieb hlief koppja ohra, F u H. Lil F saru jafuh billi qabbduh bicca xoghol fuq il-faccata tad-dar taghhom. Saru hbieb u din il-koppja bdiet tigi ghandhom ta' spiss. Hi tghid li fethet qalbha maghhom, u qaltilhom bill-problemi li kellha ma' zewgha. Kienu marru weekend breaks flimkien, fosthom f'kamra fl-Ghadira, fejn l-attur uza s-sahha fuqha ghax ried bilfors jkollu x'jaqsam maghha, kontra il-volonta' taghha. Bdiet tikbi u qallilha li jekk ma kinitx lesta toqghod ghal dak li ried hu, setghhet titlaq dak il-hin stess. Ghamlet lejl ma raqditx, tikbi u hassithha bhas-soltu umiljata. Irreallizzat li ghalkemm zewgha kien jweghdha, li ser jirranga u jinbiddel, baqa' l-istess agressiv, vjolenti u egoist. Ipprovaw jirrangawhom missierha u l-istess F, izda inutilment, anzi f'hin minnhom l-attur qal li l-glied nqala' mindu saru jafu lill-koppja l-ohra, u beda jinsinwa li kien hemm xi haga bejn F u l-konvenuta. Hi insistiet li bejniethom kien hemm biss hbiberija, u rreallizzat li kien l-attur stess li kellu relazzjoni ma' H, u li kien qed jaghmel hekk biex jitfa' it-tort fuqha ghall-falliment taz-zwieg taghhom.

Iddecidew li jaqghtu l-hbiberija maghhom u jippruvaw jirrikonciljaw, izda wara xi zmien irreallizzaw li kienu qed ihossuhom skomdi ma' xulxin, u bdew il-proceduri tas-separazzjoni. Baqghu jghixu ghar-rashom fl-istess dar, hi torqod fil-kamra tat-tfal u hu fil-kamra tas-sodda. Fix-xahrejn ta' wara l-attur beda jaghamel hafna vendikazzjonijiet, jidhol tard bil-lejl, jaghmel l-istorbju, jhalli d-dawl kullimkien u jhalli it-television on il-lejl kollu. Beda jiehu xi affarjiet mid-dar, u indunat li kien jkun spiss fuq il-mobile ma' persuna feminili, anke it-tfal qalulha li H kienet titkellem fit-tul mal-attur waqt li huma kienu jilghabu mat-tifel taghha. Cemplet lil F, biex tara jekk hu kienx jaf, u dan qalilha li hu u H ma kienhux ghadhom flimkien, billi ittradhietu ma' diversi irgiel ohra.

Bdiet issegwihom, qalet li rat lill-attur kemm-il darba fuq il-bejt ta' omm H ma' J it-tifel ta' F, u li kien jipparkja il-karozza tieghu f'toroq differenti fir-Rabat, u wara twasslu H bil-karozza taghha, u hu kien jistahba fuq wara tal-vettura. Skoppriet li l-

mutur bil-batteries tat-tifel taghhom, Kiesten, l-attur rregalah lit-tifel ta' H, J.

Dwar l-incidenti li semma' l-attur fl-affidavt tieghu, l-konvenuta iddikjarat li riedet taghmel rapport kontra zewgha meta kien imbuttaha it-tarag u qassmilha xuftejha, billi ma kellhiex karozza kien mar F ghaliha, u kien l-attur li ghamel ghal F u mhux il-kuntrarju kif qal l-attur.

Rakkontat l-incident serju fejn l-attur kien gej mill-ghalqa ta' missier H, kellu zappun f'idu, gera wara F, tah daqqa ta' zappun f'rasu, ferrita li kienet tirrikjedi l-punti u kissirlu siequ. Hi qalet li ried joqtlu ghax F kien rah ma' H, meta hu ma riedx juri. Hi qalet li ried joqtlu u b'miraklu ghadu haj.

Iddikjarat li wara li saru jafu li kellhom relazzjoni, hi u F baqghu hbieb u maz-zmien il-hbiberija taghhom ukoll nbidlet f'relazzjoni. Hi tinsisti pero' li meta kienet ghadha mal-attur dejjem baqghet fidila lejh.  Dwar r-rapport tal-private investigator imqabbad minn zewgha, indikat diversi inezzattezzi.

Insisthiet li l-manteniment ta' LM125 fix-xahar ma jservuhiex, billi mhiex qed tlahhaq mal-ispejjez ta' skola, kotba, privat, medicini u tobba. Hi tikkontesta dak li allega l-attur li hadhet xi affarjiet ghand F. Ammetthiet li hadhet xi affarjiet, li kienu fil-garage ta' missierha, wara li hu kien ha diversi oggetti ohra kif indikat fil-paragrafu 27 tal-affidavit. Ghamlet xi precizazzjonijiet fuq il-kontijiet bankarji u ddikjarat li l-invoices tal-B G Hardware Store huma antiki, u kienu gia' thallsu.

F G xehed fis-seduta tal-24 ta' April 2007 mizmuma mill-Perit Legali, Fol.494 et seq. Inter alia ddikkjara s-segwenti;

"Darba konna morna go boathouse li kienet ta' missier il-konvenuta u ghamilna gimgha hemm.

Dan kien ftit qabel nqala' l-inkwiet bejn il-partijiet u kien xi 3 snin ilu. Kien hemm xi inkwiet anke qabel bejniethom u dejjem tkellimt maghhom. Jiena bqajt nitkellem mall-konvenuta anki wara li l-attur hareg mid-dar. Jien habib tal-konvenuta u niltaqghu ta' sikwit…..

Jiena u l-konvenuta hbieb kbar u gieli kien hemm relazzjoni intima bejnietna.

Dawn ir-relazzjonijiet intimi graw wara li l-partijiet ma baqghux ighixu flimkien.

L-ewwel darba li kellna relazzjoni intima kien xi sena u nofs ilu.

Il-konvenuta  gieli giet id-dar tieghi, pero' qatt ma raqdet hemm…

Nghid ukoll li xi sena u nofs ilu l-attur beda relazzjoni mal-gharusa li kelli jien u cioe' H I.

Huma bdew l-ewwel relazzjoni bejniethom qabel jien u l-konvenuta.

Wara xi xaharejn jew tlitt xhur minn meta l-attur beda din ir-relazzjoni, jien u l-konvenuta hrigna flimkien.

Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2007, Fol.513 jghid hekk;

"Wara xi erba xhur minn meta hassru A u Sylvana, bdejt nara lil A ma' H".

Hu kkonferma li H kienet tmur Pembroke, billi l-attur kien qed jahdem f'skola hemmhekk, fejn kienet tiltaqa' mieghu. Il-vettura ta' H kien raha pparkjata hemm xi sitt darbiet. Darba ra lil H u A diehlin fid-dar ta' ommha fil-Buskett u tefghawlu il-gebel.

Kien jarohom ukoll f'zewg flats wiehed f' Marsascala u l-iehor F'Tas-Sliema, Fol. 517, u pprezenta diversi ritratti Fol 531 li juru l-vetturi tal-attur u ta' H I b'konferma li kienu jiffrekwentaw lil xulxin.

H I xehdet fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2006, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 428. Hi kkonfermat li kienet ilha taf lill-konjugi B mis-sena 2002, permezz tal-gharus li kellha, F G. Hi kkonfermat li hi u F m'ghadhomx flimkien, kienet ilha mieghu tlettax il-sena. Bdew johorgu flimkien bhala zewg koppji u l-hbiberija bejniethom kibret. Fid-9 ta' Awwissu 2003 kellha tifel minn F. Hi ddikjarat li fil-21 ta' Settembru 2004, cemplitilha omm C B u qaltilha li C kellha relazzjoni ma' F G, li sa dak iz-zmien kien il-boyfriend taghha. Hi ddikjarat, in oltre, li tkellmet ma' C bit-telephone li qaltilha li kien ilhom f'relazzjoni ghal sentejn u nofs. Hi tghid li qaltilha li ser tkisser zewg familji, kif ukoll qaltilha ommha,u meta kellmet lil F ma cahadtx. Hi qalet li minn dik inhar F ma marx ghand ommha, fejn kienet tghix hi, u fejn kien jmur kull jum. Hi kkonfermat li kellha 16 il-sena meta bdiet tohrog ma' F G.

Ma jirrizultax li sar il-kontroezami ta' H I.

Fl-istess seduta xehdet ommha, Mary I, Fol 431. Hi kkonfermat li bintha kienet ilha ma' F G 13 il-sena, pero' m'ghadhomx flimkien. Hi kkonfermat li F kien imur kull jum ghandha fejn kien jiekol u jorqod, kellu ukoll ic-cavetta tad-dar. F u bintha ghandhom tifel ta' sentejn u nofs. F'Settembru ta' qabel, meta t-tifel kellu sena u xahar, innotat lill-bintha tikbi fuq il-mobile, li qaltilha li hi u F "daqshekk ghax F kellu relazzjoni ma' C B. Hi tghid li hatfitilha il-mobile minn idejha u billi kien hemm C, qaltilha li sfrattat zewg familji, li ma kinitx mara tal-familja. Qalet li C ma cahditx, anzi kkonfermat li kien ilhom sentejn u nofs f'relazzjoni.

Dik inhar filghaxija F mar id-dar taghha u ha hwejjgu, il-karozza u anke il-playpen u il-pushchair.

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2006 xehed Vince B, hu l-attur, Fol 443. Hu ddikjara li l-attur fl-14 ta' Awwissu 2004 qallu li " l-affarjiet bejnu u bejn martu ma kienux sew"

u stiedinhom biex ikellimhom fil-flat tieghu f'Bugibba, u l-konvenuta ammettiet li kellha simpatija ghal F, izda ma kienx hemm intimita'. Hu jghid li induna li l-affarjiet kienu aktar serji.

Fl-istess seduta xehed Joe B, hu l-attur, li kkonferma li waqt li F G kien qed jahdem ghand ommu, C kienet tkun prezenti, tiela u niezla fuq il-bejt fejn kien qed jahdem u liebsa pulit, meta hutu kienu liebsin ilbies tax-xoghol. Hu deherlu li kien hemm kunfidenzi bejniethom, billi kient ittellalu l-ilma.

Dan gie kkonfermat minn Doris Spiteri, oht l-attur li xehdet fl-istess seduta, Fol 448.

Fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2006, Fol 455, xehed il-Kappillan tal-Kuncizzjoni tal-Hamrun, Fr Salvatore Borg, li kkonferma li l-attur flimkien mat-tfal kienu marru Lourdes tour mal-Brittania Tours. Hu ddikjara li jaf lill-attur izda mhux lill-konvenuta.

Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2007, Fol 475 il-konsulent legali tal-atturipprezentat, affidavit ta' Mark Formosa Fol 479 u ta' Oliver Abela, Fol 480. Dan tal-ahhar kien gie nkarigat mill-attur biex jivestiga lill-konvenuta, Mark Formosa hu l-assistant tieghu. Huma it-tnejn ikkonfermaw li fis-16 ta' Gunju 2006 raw lill-konvenuta hierga ma' F G mir-residenza tieghu, Had-Dingli fit-8.15 am, u fl-14 ta' Dicembru 2006, rawhom flimkien fir-residenza taghha fi Triq il-Laring H'Attard.

Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007 xehdet LilF Scerri, omm il-konvenuta, Fol 505, u fis-seduta ta' 12 ta' Lulju 2007 xehed Clint Scerri, hu l-konvenuta, C B Fol 510 li kkonferma li xi sentejn qabel ra lill-attur ma' H, fil-karozza taghha, Fiesta bajda, A kellu it-tfal mieghu, darba ohra rega' rahom fl-Imgarr f'Peugeot bajda, xi sena u nofs qabel. Hu kkonferma li kien jaf li ohtu, il-konvenuta, kellha relazzjoni ma' F G.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2007, xehdet Thereza sive Tessie G, omm F G, Fol 522. Hi kkonfermat li binha u H hassru fis-sena 2004 u ghandhom tifel, J, li ghandu 4 snin. Hi ddikjarat li marret xi ghaxar darbiet ma' binha u rat li H kienet qed tmur fejn kien qed jahdem A, l-attur. Anke meta kienu marru fuq il-Captain Morgan innotat li Jenifer kien mohhha f'A.

Fis-seduta tal 10 ta' Jannar 2011 xehed l-Ispettur Elton TalFa ipprezenta 17-il rapport li l-konvenuta ghamlet kontra l-attur, Fol. 585, u kkonferma li dwar l-attur kien hemm 46 rapport, Fol.627.

Fl-istess seduta xehed BrF Farrugia ghall-Transport Malta li kkonferma li l-vettura LAF 773 Mazda 626 u l-vettura HAD 064 Peugeot 306 huma registrati f'isem l-attur, dok BF1.

Fl-istess seduta xehed Raymond Desira ghad-Direttur Servizzi Socjali u kkonferma li b'effett mid-19 ta' Frar 2005 il-konvenuta qed tircievi Ghajnuna Socjali ta' Euro93.58 fil-gimgha ghaz-zewg ulied tenut kont tal-manteniment li tircevi minn

ghand l-attur.

Saviour Theuma, ghat-Taqsima Children's Allowance kkonferma li l-konvenuta tircievi allowance ta' Euro22.23 fil-gimgha ghaz-zewg itfal, u l-attur jircevi Euro13.30 fil-gimgha ghaz-zewgt itfal.

Is-Social Worker Josette Camilleri fir-rapport taghha, Fol.136 et seq. ikkonkludiet li l-kura u kustodja taz-zewgt itfal tal-partijiet ghandha tigi fdata f-idejn il-missier u l-omm biex it-tnejn jippartecipaw fit-trobbija ta' uliedhom. It-tfal ghandhom imorru ghand il-missier kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Gimgha mill-4.30pm sat-8.30pm u gimgha jmorru is-Sibt mill-10am sat-8.30 pm u l- gimgha ta' wara jmorru il-Hadd mit-8.30am sat-8.30pm. Missierhom ghandu jigborhom minn hdejn id-dar matrimonjali u jerga' jirritornohom fl-istess post. Waqt l-access it-tfal ma ghandhomx ikunu esposti ghall-persuna tas-sess oppost . Iz-zewg genituri ghandhom jippartecipaw fl-attivitajiet skolastici tat-tfal. F'granet importanti bhall-Milied, Mother's Day, Father's Day u birthdays jqattaw nofs ta' nhar ghand il-missier u nofs ta' nhar ghand l-omm. It-tfal ghandhom jkunu liberi li jikkomunikaw mal-genituri kemm bit-telephone fiss, kif ukoll bil-mobile.

Fir-rapport taghhom Fol.211 et seq. is-Social Workers Melanie Darmanin u Joanne Buhagiar Fiott, billi rrizultalhom li kien qed issir diskors quddiem it-tfal waqt l-access kontra il-genitur l-iehor, li kien ta'hsara ghalihom ikkonkludew li l-genituri jinghataw l-ghajnuna ta' Family Therapist, biex jifhmu l-prespettiva ta' xulxin u jonqos id-disgwid fi hdan il-familja.

Il-Perit Legali Dottor Richard Sladden, ir-rapport tieghu Fol. 385 et seq. wasal ghall-konkluzjoni, para 12 tar-rapport li z-zwieg tkisser principalment tort tall-konvenuta, minnhabba l-adulterju taghha, li kellha tarbija minn terz, u ghalhekk iddekadhiet mid-dritt tal-manteniment ghalija minn ghand zewgha; li l-partijiet reciprokament ddekadew mid-drittijiet successorji; li l-missier jibqa' obbligat ihallas manteniment ghall-ulied meta jkunu ma' ommhom, u li d-dar matrimonjali tinbiegh bil-kontenut taghha, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tibqa kongjunta kif rakkommandat mis-Social Workers. L-attur ghandu jibqa' jihallas manteniment ghall-minuri l-ammont ta' Euro291.25 fix-xahar. Il-Perit Legali, Fol 408, jghid; "Ta' min jghid illi l-attur ma damx ma dahal f'relazzjoni ohra, liema relazzjoni ntemmet (dan hu kkontestat mill-konvenuta kif konfermat mill-lista ta' domandi tal-legali tal-attrici Fol 640 billi skont hi r-relazzjoni taghhom ma ntemitx) u l-intimata ma damitx wisq biex kellha tarbija mas-sieheb taghha, liema tarbija twildiet fit-2011 u liema relazzjoni ghadha sejra sallum".

**IL-LIGI.**

Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar il-Firda Personali huma l-Artikoli 35 sa 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 jghid hekk: “Kull parti tista’ titlob il-firda minhaabba l-adulterju tal-parti l-ohra.”

L-artikolu 40 jghid: “Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minnhabba eccessi,mohqrija,theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.”

L-artikolu 44 jghid hekk: “Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta’ xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin.”

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-artikolu 48 li jghid hekk:

48(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-
(a) Il-jeddijied imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg, jew that titolu iehor gratuwitu;
(c) Kull jedd……………….l-artikolu 3;
(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f’kull kas, li taghatija manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-artikoli imsemmija fis-sub-inciz (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi.

Fil-kawza fl-ismijiet “ Carmelo sive Charles Farrugia vs Josephine Farrugia” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Frar 1992 ntqal hekk:

“Illi l-Qorti tifhem li f’kas fejn il-mara tkun ikkommettiet adulterju, u fil-fatt ghal zmienijiet twal sahansitra ikkobbitat bhala mara mizzewga ma ragel iehor, anke fil-presenza u flimkien ma ulied li kienu ukoll minorenni, ma tistax tipprettendi li tkompli tircevi manteniment minn ghand zewgha.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Rosina Micallef vs Angelo Micallef”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 ntqal hekk:

“L-adulterju jista jigi ppruvat permezz ta’indagni u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallux l-ebda dubbju f’min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti lli tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali.”

Fil-kawza fl-ismijiet “ **Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe”**

deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

"Darba ippruvat l-adulterju tal-konjugi konvevut, il-Qorti m'ghandhiex bzonn tidhol f'motivi ohra ta' separazzjoni dedotti fic-citazzjoni".

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Responsabilita'- Tkissir taz-Zwieg.**

Il-partijiet jaqblu li hemm lok ghas-separazzjoni personali bejniethom, pero' jakkuzzaw lil xulxin bir-responsabilita' tal-firda taghhom. L-attur jindika bhala l-unika raguni, l-adulterju tal-konvenuta, in fatti, kkummenta fl-affidavit tieghu, li ma kellhomx problemi fiz-zwieg taghhom, ghajr xi incidenti izolati kommuni bhal kull koppja mizzewga. Kien propju, f'gurnata specifika, cioe' s-7 ta' Awwissu 2004, li z-zwieg taghhom tkisser, meta, skont hu, l-konvenuta qaltlu car u tond li ma setghetx tkompli tghix mieghu, ghax kellha relazzjoni ma' F G, u li kienet ilha sentejn u nofs f'din ir-relazzjoni.

Il-konvenuta, filwaqt li ammettiet ir-relazzjoni taghha ma' F G, tinsisti li din bdiet wara li l-partijiet hassru definitivament, li anke l-attur kellu relazzjoni ma' dik li qabel kienet is-siehba ta' F G, cioe' H I, u li z-zwieg tkisser b'konsegwenza tal-komportament egostiku tal-attur. L-konvenuta, dwar l-eccessi u l-mohqrija tal-attur, ssemmi diversi incidenti u sitwazzjonijiet partikolari. Kien hemm nuqqas komplet ta' komunikazzjoni bejniethom. Wara ix-xoghol, l-attur ma kienx jmur id-dar biex jgawdi l-familja, izda kien jpoggi jara t-television, dak li ried hu biss, football, u kien jsir aggressiv u vjolenti jekk il-konvenuta tazzarda toggezzjona. Kien jara films pornografici u wara jfittex lill-konvenuta ghas-sess, kompletament non kuranti mix-xewqat taghha, tant li uza l-vjolenza maghha meta hi kienet tirrifjutah. Kien hemm okkazzjoni partikolari, meta kienu fil-boathouse mal-koppja l-ohra, fejn hi deherilha li kien imprudenti li jkun hemm intimita' bejniethom f'dak l-ambjent tant ristrett, prattikament fil-presenza ta' haddiehor, izda hu, nonostanti l-opposizzjoni taghha, kien vjolenti maghha biex tghaddi tieghu. Kien hemm l-incident meta kienet stiednet lill-genituri taghha u tieghu ghall-ikel, u hu ghamel xenata kbira quddiemhom, bla ebda gustfikazzjoni, tant li anke huma hassewhom imbarrazzati.

Iz-zwieg tal-partijiet kien karetterizzat minn nuqasijiet gravi u serji da parti tal-attur. Kien zwieg nieqes mir-rispett u konsiderazzjoni li r-ragel ghandu jkollu fil-konfront ta' martu, principalment ghax ir-ragel ghazel li ghalkemm mizzewweg, ghix hajja prattikament solitarja u passiva, garanzija tal-falliment fiz-zwieg. Ghal kuntrarju, rekwisit essenzjali ghas-success fiz-zwieg hu l-altruizmu nkondizzjonat reciproku bejn il-partijiet. Iz-zwieg jirrekjedi mill-koppja mizewga, rispett, appogg, komprensjoni, generosita', liberalita', solidarjeta' u komplicita'.

Sfortnatament, mill-provi migbura rrizulta abbondantement li fiz-zwieg tal-partijiet, dawn il-kwalitajiet kienu manifestament karenti.

Dwar l-allegazzjonijiet reciproci tal-adulterju, l-ammissjoni tal-konvenuta hi kkoroborata minn F G, li xehed fl-24 ta' April 2007 u ddikjara li l-ewwel relzzjoni intima li kellhom kienet xi sena u nofs qabel, Fol 495, cioe' f'Gunju 2005, circa, il-kawza giet pprezentata fis-6 ta' April 2005.

Dwar l-allegat adulterju tal-attur, l-istess xhud iddikjara, li fl-istess zmien, sena u nofs qabel ma xehed, l-attur kellu relazzjoni mal-gharusa li kellu hu, H I. Hu ddikjara li r-relazzjoni tal-attur bdiet xi xaharejn jew tlieta qabel ma hu beda jiffrekwenta lill-konvenuta. Hu ddikjara li wara xahar u nofs li hassar ma H, hassru wkoll A u C, Fol 513. Wara xi erba' xhur li hassru l-partijiet beda jara lil H mall-attur. Kien jara l-vettura ta' H ipparkjata Pembroke fejn kien qed jahdem l-attur, kien ra lill-attur u lil H fid-dar ta' ommha fil-Buskett u tefghawlu il-gebel, kien jarah diehel u hiereg f'hinijiet differenti mid-dar ta' omm H, Fol 514, rahom diversi drabi f'appartament f'tas-Sliema u f'post iehor Marsascala. Fil-15 ta' Settembru 2005, l-attur, li kien qed jahdem fir-raba' ta' missier H fil-Buskett, tah daqqa ta' zappun, ikkagjonalu ferrita f'rasu u kissirlu siequ. L-istess xhud ipprezenta diversi ritratti, Fol 531 et seq. b'konferma li l-attur kien jiffrekwenta regolarment lil H. Meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008, Fol.545, wara li ddeskriva l-incident fejn l-attur korrieh, ikkonferma li kien ra lill-attur diversi drabi johrog bil-lejl mid-dar tal-genituri ta' H, fejn kienet tghix hi wkoll, kif ukoll li kemm f'dak is-sajf, kif ukoll dak ta' qabel kien ra lill-attur ma' H l-bahar, mat-tifel tieghu.

Dan jikkonferma li bejn l-attur u H ma kienx hemm biss hbiberija, izda relazzjoni stabbli u approvata mill-genituri taghha, billi l-attur kien jkun spiss ghandhom.

Jirrizulta ghalhekk l-adulterju, kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenuta, u fil-konfront tal-attur jirrizultaw ukoll l-eccessi, l-mohqrija u l-offizi gravi.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

IL-partijiet zzewgu fis-17 ta' Gunju, 1995 u ghandhom zewgt itfal, D, li twieldet fit-30 ta' Novembru 1995 u Keisten li twieled fit-22 ta' Gunju 1999, Fol 238. F'Novembru li ghadda 2015, it-tifla ghalqet 20 sena u hi illum maggjorenni, mentri t-tifel f'Gunju li ghadda, 2015 ghalaq 16 il-sena.

Fil-pendenza tal-proceduri, il-kawza ilha kwazi 11 il-sena saru kwantita' ta' rikorsi mill-partijiet, dwar il-manteniment, il-kura u il-kustodja tal-minuri, ir-ripartzzjoni tal-ispejjez ta' skola, kotba u privat, u dwar vjaggi u passaporti tat-tfal. Fost dawn id-digrieti ssir referenza partikolari ghas-segwenti;

30 ta' Jannar 2005, Digriet li assenja l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-omm, u manteniment ta'LM125 fix-xahar ghaz-zewg ulied li jithallas mir-ragel.

14 ta' Settembru 2005, Fol 72, Digriet fejn it-talba tar-ragel biex il-mara titlaq mid-dar konjugali giet michuda.

11 ta'Ottubru 2005 Digriet li ordna lill-attur biex jizzgombra mid-dar matrimonjali.

27 ta' Ottubru 2005 Digriet fejn giet michuda it-talba tar-ragel ghas-sospensjoni tad-digriet tal-11 ta' Ottubru 2005.

21 ta' Lulju 2006 Digriet fejn provizzorjament giet milquha t-talba tar-ragel ghall-access ghat-tfal, nhar ta' Tlieta u l-Gimgha bejn l-4.30pm u 8.30pm.

2 ta' Marzu 2007, Fol 165 Digriet fejn giet milqugha t-talba tar-ragel billi dwar l-access gew adottati ir-rakkomandazzjonijiet tas-Social Worker, li rrakkomandat joint custody, Fol.146.

Il-Perit Legali, para 15 tar-rapport, Fol 411, rrakkomanda wkoll li il-kura u il-kustodja ghandha tkun kongjunta. Indubbjament, l-fatt li l-ulied ikollhom kuntatt kontinwu maz-zewg genituri hu ta' beneficcju kemm ghall-ulied kif ukoll ghall-genituri. Fid-diversi rikorsi li saru , l-attur ipprotesta ghall-presenza tas-sieheb tal-konvenuta meta it-tfal ikunu maghha, l-konvenuta ukoll ilmentat mill-atteggjament tal-familjarji tal-attur li joskurawha mat-tfal bill-kummenti taghhom dwarha. Dwar dan is-Social Worker rrakkomandat li waqt l-access it-tfal ma jkunhux esposti ghall-terza persuna tas-sess oppost.

Jixraq ghalhekk li jigu addottati in toto ir-rakkomandazzjonijiet taghha,li jisabu fol 146 u 147.

**Manteniment.**

L-attur qed ihallas bhala manteniment l-ammont ta' Euro291.25, l-ekwivalenti ta' LM125 li kien gie stabbilit b'digriet tat-30 ta' Jannar 2005. Ghalkemm irrizzulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tad-Dipartimenti koncernati, li l-koppja qed tircevi Ghajnuna Socjali u ic-Children's Allowance, l-ammont stabbilit 10 snin ilu qatt ma gie awmentat.

B'rikors tal-15 ta' Frar 2011, l-konvenuta tablet li l-attur jikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjez tal-iskola tat-tfal, nofs l-ammont ta'Euro1015.16. Fir-risposta tieghu, l-attur rreklama nofs l-ammont ta' Euro2579.85 spejjez minnu imhallsa ghall-htigijiet tal-iskola tat-tfal. B'digriet tad-19 ta' April 2007, ir-ragel gie ordnat li jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-ulied.

B'digriet ta l-1 ta' April 2014, Fol 686, din il-Qorti ordnat li b'effett mill-istess data ir-ricevuti relattivi jibdew jinghataw mill-konvenuta lill-attur darba kull xahrejn, b'obbligu fuq l-attur li jhallas lill-konvenuta nofs l-ispejjes f'zmien gimgha minn meta jircevihom.

L-attur hu impjegat mal-Gvern, bhala electricF u jaqla Euro757.25 fix-xahar, mentri il-konvenuta ma tahdimx, Fol 116. Ma jirrizultax mill-provi jekk it-tifla, D komplitx bl-istudji taghha fl-livell terzjarju, f'liema kas jissusisti l-obbligu tal-manteniment. L-

artikolu3B(2)(a) tal-Kap. 16 jimponi l-obbligu fuq il-genituri li jibqghu jipprovdu manteniment adegwat lill-wild taghhom li jkunu okkupati fulltime fi progett edukattiv, tahrig jew studju sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena. Altrimenti, billi saret maggioenni, ma hemmx aktar l-obbligu tal-manteniment. Pero' fil-konfront tat-tifel, li ghadu minuri, billi l-manteniment stabbilit fit-2005 qatt ma gie rivedut, jixraq li jkun hemm awment moderat tenut kont tal-gholi tal-hajja u l-prezzijiet in generali li illum mhumhiex dawk ta' ghaxar snin ilu.

**Konsistenza tal-Assi tal-Komunjoni.**

Il-partijiet prattikament jaqblu dwar il-konsistenza tall-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jaqblux dwar ir-ripartizzjoni u divizzjoni taghhom. Hemm divergenza ohra bejniethom dwar l-oggetti mobbli li individwalment hadu mid-dar matrimonjali. L-konvenuta, Fol. 561 tammetti li hadhet l-oggetti indikati fil-paragrafu 27 tal-affidavit taghha, li halliethom fil-garage ta' missierha, wara li hu kien garr l-ghodda kollha mill-garage.

L-assi tal-komunjoni, kif rapportat mill-Perit Legali fil-paragrafu 14 tar-rapport, Fol.410 huma:

Id-dar matrimonjali Maison D'Amour, Triq il-Larinc, Attard u garage adjacent ma l-istess dar.
Mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali.
Dehebijiet.
Zewg vetturi.
Kontijiet bankarji.

L-attur mal-affidavit tieghu annetta prospett Dok P Fol 40 fejn elenka l-oggetti kollha li kien hemm fid-dar bil-valur rispett taghhom,dawk li huma 'highlighted' bl-isfar ddikjara li hadithom il-mara.

Il-konvenuta tikkontesta l-allegazzjoni tal-attur li hi hadet id-deheb, anzi takkuza lilu li ha kollox anke dak li kien ta' ommha u kien ghandhon ghax issellfuh. Hu tghid li ic-curkett ta' ommha dam sitt xhur biex irritornahulha, Fol 561, u l-imsielet ta' ommha baqa' ma irritornahomx.

B'verbal registrat fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013 il-partijiet qablu li l-valur tad-dar matrimonjali u l-garage adjacent ghandhom valur ta' Euro350,000.

**Divizjoni tal-Assi tal-Komunjoni.**

Ghalkemm l-attur fir-raba' talba tac-citazzjoni ma talabx li l-assi jigi maqsuma f-zewg porzjonijiet ugwali, billi talab li ghandha tigi stabbilita d-data meta l-konvenuta titqies hatja tal-firda, fil-pjan ta' divizzjoni minnu propost, Fol. 35, ippropona li d-dar tinbiegh bli-kontenut taghha u "r-rikavat jinqasam bejnietna".

Il-Perit Legali, ukoll ippropona li d-dar tinbiegh bil-kontenut taghha, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom, para 14 Fol 411.

Il-Perit Legali ppropona, in oltre, li jekk il-partijiet ma jaqblux kif ghandhom jinqasmu xi effetti mobbili tal-komunjoni ghandu jitqabbad stimatur biex jaghamel stima u pjan ta' qasma.

Dwar il-kontijiet bankarji, il-partijiet qablu li hemm xi flus ta' missier il-konvenuta, Fol. 35, fejn l-istess attur ippropona li l-kontijiet bankarji jinghalqu u l-flus jittraddew lura lil-missierha.

Billi l-partijiet qablu fuq il-valur tal-propjeta' immobiljari, din ghandha tinbiegh fuq is-suq liberu, biex possibilment tinbiegh bil-prezz reali taghha, u kif ssugerixxa il-Perit Legali jekk din tibqa' ma tinbieghx f'zmien sentejn, ghandha tinbiegh bis-subbasta, u r-rikavat jinqasam ugwallment bejniethom.

Dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet, il-flus taghhom flimkien ghandhom jigi divizi f'zewg kontijiet ugwali wiehed f'isem l-attur u l-iehor f'isem il-konvenuta. Il-kont bankarji fejn jircevu ic-Children's Allowance u benefici ohra mill-Gvern, ghandu ikun joint account f'isimhom it-tnejn, b'dan li l-fondi ta'dan il-kont jintnefqu esklusivament fuq il-htigijiet tat-tfal.

Hemm kuntrast notevoli bejn il-partijiet dwar x'inhuma l-mobbli formani l-komunjoni u x'inhuma l-mobbli li huma parafernali. Il-kuntrast principali jirrigwarda l-pretensjonijiet reciproci dwar oggett tad-deheb. Minn ezami tal-provi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi huwa wisq probabbli li kull parti gia' hadet fil-pussess taghha l-oggett parafernali li qieghda tippretendi f'din il-kawza. Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi kull parti zzomm l-oggett parafernali li gia' jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu. Il-mobbli formani parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Decide.**

Il-Qorti ghalhekk qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici, tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u tiddikjara ilil ghat-tkissir taz-zwieg taghhom kienu jahtu z-zewg partijiet.

2. Tilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni u tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tkun affidata f'idejn iz-zewg genituri b'dan illi jirrisjedi mal-omm b'access favur il-missier kif gie rakkomandat mill-haddiema socjali Josette Camilleri fir-rapport taghha, senjatament taht l-intestatura 'Rammomandazzjonijiet' (fol. 146 – 147). Tikkundanna lill-attur jhallas lill-konvenuta manteniment ghal minuri Kiesten l-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar u jhallas ghan-nofs l-ispejjes ta'edukazzjoni u sahha. Peress li t-tifla D saret

magiorenni l-attur qed jigi kkundannat jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghal D s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha jekk u sakemm tkompli bl-istudji taghha *full time* sa meta taghalq tlieta u ghoxrin sena.

3. Tilqa' it-tielet eccezzjoni u tilqa' t-tielet talba attrici u tikkomina kontra l-partijiet id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 50 tal-Kodici Civili.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti. Il-likwidazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghandha ssir bil-mod segwenti. Tordna illi d-dar matrimonjali, Maison D'Amour, Triq il-Laring, Attard, u l-garage adjacenti jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet b'dan illi qed jigi ordnat illi ghall-ewwel sentejn mid-data li fiha din id-decizzjoni tghaddi in giudikat il-proprjeta immobbli de quo ghandha titpogga fis-suq liberu. Jekk jghaddi inutilment it-terminu ta' sentejn imsemmi u l-immobbli jkun ghadu ma nbieghx u lanqas ma l-partijiet ikunu resqu fuq konvenju ghall-bejgh tal-istess, kull parti tkun libera li titlob lill-Qorti tiffissa jum u hin ghall-bejgh bis-subbasta.

5. Tordna l-bejgh bis-subbasta tal-mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kif jirrizultaw mill-atti inkluz iz-zewg vetturi Peugeot 306 u Mazda 626, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, sakemm il-partijiet ma jaslux ghall-ftehim fi zmien tlett xhur minn meta din is-sentenza tghaddi in giudikat, li jiddividu bejniethom l-istess mobbli.

6. Tichad il-hames talba attrici u tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuta.

L-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**